**JUNIOR LYCEUM & SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2003**

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 5 | SOCIAL STUDIES (GENERAL) | TIME: 1hr 45mins |
|---|---|---|

Name: ______________________________ Class: _______________

**Taqsima A**

**<u>Aqra din is-silta u wieġeb ħames mistoqsijiet f'madwar 30 kelma għal kull mistoqsija</u>:**

Ix-xogħol juri l-kapaċitajiet li għandu l-bniedem u jesprimi l-ambizzjonijiet tiegħu. Bix-xogħol tal-ħaddiema l-Istat ikun f'qagħda aħjar għax bit-taxxi li jiġbor jistgħu jinxtraw ikel u makkinarju meħtieġa biex il-pajjiż jimxi 'l quddiem. It-taxxi mill-qligħ tal-ħaddiema u mix-xogħol jissarrfu f'taħriġ fi snajja', fl-edukazzjoni u s-saħħa, u servizzi oħra. B'hekk jogħla l-livell ta' għejxien. Fuq kollox, il-gvern stess ikun jista' jimpjega nies fis-servizz ċivili li jaqdi lill-istess popolazzjoni ta' ħaddiema.

Il-ħaddiem, imbagħad, jistenna mill-gvern tiegħu li joħloq leġislazzjoni dwar paga xierqa, sigħat ta' xogħol li jiflaħ għalihom il-ħaddiem, id-dritt għall-mistrieħ u ambjent li jġib 'il quddiem is-saħħa u s-sigurta'. Fi kliem ieħor għandu jkun hemm liġijiet li jirregolaw kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema, kemm nisa u rġiel, u li jwieġbu għall-ħtiġijiet fiżiċi u soċjali tagħhom.

a. Ix-xogħol għandu tifsira soċjali kif ukoll ekonomika. X'tifhem b'dan?
b. Semmi ħames tipi differenti ta' xogħol.
c. X'differenza tgħaddi bejn settur ekonomiku primarju u settur sekondarju?
d. X'jista' jsir biex tiġi mħarsa aħjar saħħet il-bniedem fuq il-post tax-xogħol?
e. Semmi ħames servizzi ekonomiċi li jingħataw mill-Gvern.
f. Min huma l-imsieħba soċjali? Għid x'inhuma l-interessi ta' wieħed minnhom.
g. Semmi ħames għaqdiet tal-ħaddiema f'Malta. (25 marka)

**Taqsima B**

**<u>Aqra din is-silta u wieġeb ħames mistoqsijiet f'madwar 30 kelma għal kull mistoqsija</u>:**

Jekk is-solidarjeta' bejn il-ġnus tirnexxi, jista' jsir tant ġid għax il-ġuħ jispiċċa, il-pjaga ta' dan is-seklu tispiċċa, il-gwerer u l-isparar tal-kanuni jinqatgħu, il-flus moħlija fil-bini ta' armamenti jintefqu fuq għodda u makkinarji li jkattru u jħaffu x-xogħol. Dan iġib miegħu tmiem ta' l-emigrazzjoni illegali, għax kulħadd isib fejn jaħdem, tmiem il-kultivazzjoni tal-peprin, għax ir-raba' jiġi użat għall-produzzjoni tal-qamħ u tar-ross. F'kelma waħda, ma jkunx hawn nuqqas ta' xogħol, anzi tkattir ta' ġid u bżonnijiet oħra materjali.

a. Semmi ħames tipi ta' konsegwenzi li jġibu magħhom l-armamenti u l-gwerra.
b. Agħti ħames kawżi li jġibu l-ġuħ.
ċ. X'tifhem bil-kelma 'solidarjeta''?
d. Semmi ħames organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu favur il-paċi.

e. L-edukazzjoni hi waħda miċ-'ċwievet' ewlenin li jwasslu għall-progress u l-ħelsien. Għaliex?
f. X'tip ta' għajnuna tista' tingħata biex jintemmu l-problemi soċjali msemmija?
g. Kif tista' d-dinja ssir post aktar ġust? (25 marka)

**Taqsima Ċ**

**<u>Agħżel tnejn minn dawn u ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn 100 kelma dwaru</u>:**

a. Il-funzjonijiet tal-familja.
b. It-tibdil li għaddiet minnu l-familja f'dan l-aħħar seklu.
ċ. It-teknoloġija moderna u l-effetti tagħha fuq ix-xogħol.
d. Kif l-għaqdiet tal-ħaddiema jaslu biex jiksbu l-għanijiet tagħhom. (15 x 2 = 30 marka)

**Taqsima D**

**<u>Agħżel wieħed minn dawn u ikteb mhux inqas minn 200 kelma dwaru</u>:**

a. Taħseb li qiegħda tingħata biżżejjed għajnuna lir-refuġjati? X'jinħtieġu r-refuġjati?
b. Hu meħtieġ li tiġi ikkontrollata ż-żieda fil-popolazzjoni biex titjieb il-kwalita' tal-ħajja kemm issa kif ukoll fil-ġejjieni. X'taħseb?
ċ. Jinħtieġ li nbiddlu l-attitudnijiet tagħna biex ikun hemm tqassim ġust tal-ġid fid-dinja. Ikkummenta.
d. Aħna lkoll parti mid-dinja, u lkoll niddependu minn xulxin biex ngħixu. Ikkummenta.
(20 marka)